MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 44/2002/1

Citazzjoni numru 44/2002

Carmel Portelli

-vs-

Alex Aloisio

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi hu ghandu jiehu minghan il-konvenut is-somma ta' tlett elef disa' mija u wiehed u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm3,961.42) dovuti lilu bhala hlas ghal xoghol ta' tikhil, tpoggija ta' madum, brix u kostruzzoni ta' pool fil-fond tal-konvenut fi Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex, liema xoghol sar milla-ttur fuq inkarigu tal-konvenut;

U illi permezz ta’ skrittura privata datata hamsa u ghoxrin (25) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) il-konvenut iddijara illi kien sodisfatt bix-xoghol li sar mill-attur fil-fond in kwistjoni u ghaldaqstant iddikjara ukoll illi huwa ghandu jaghti s-somma ta’ tlett elef sia’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm3,6941.42) bhala ammont cert, likwidu u dovut tax-xoghol li sar milla-ttur;

U illi fl-istess ksirtuta privata l-konvenut obbliga ruhu illi jhalla sl-ammont hawn fuq indikat fl-intier tieghu fi zmien tliet xhur mid-data tal-ftehim, izda sal-lum ghadu ma hallas xejn minn dan l-ammont u dana minkejja li gie interpellat sabiex jaghmel il-pagament peremzz ta’ ittra ufficjali mibghuta f’April tas-sena elfejn u tnejn (2002);

U illi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u safejn jaf l-attur il-konvenut m’ghandu l-ebda eccezzjoni x’jaghti ghat-talba kotnenuta f’din ic-citazzjoni;

U ilil ghaldaqstant l-attur qed jipprocedi ghal din il-kawza ai termini ta’ l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u qed jitlob ai termini ta’ l-artikolu 167 illi din l-Onorabli Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjoni ta’ din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smeigh ai termini ta’ l-aRtikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura civil;
2. tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta’ l-attur fl-ammont ta’ tlett elef disa’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm3,961.42);
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma, bl-interess legali fuq l-istess somma sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut f’April tas-sena elfejn u tnejn (2002) u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu debitament guramentata kif ukoll l-affidavit pprezentat mac-citazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Settembru 2002 il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-mertu ta' din il-kawza.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ta' l-attur li permezz taghha gie rilevat illi l-konvenut hallas is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Ghal dawn il-motivi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati.

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbie ta' l-attur. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef erba' mija u wiehed u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm3,461.42), bl-interess legali

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' April 2002 kontra l-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------